MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

Il-Ħamis, 6 ta' April, 2017

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fis-14:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa – Viċi Sindku
Franco Buhagiar – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 25.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

25.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 25.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

25.2.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li x-xogħol fuq il-ħitan ta' Triq it-Torri miexi sew. Il-Kunsillier Buhagiar qal ukoll li huwa qed isegwi li x-xogħol mas-Sur Anton Debono biex jiżgura li x-xogħol isir. Is-Sindku qal li kellu xi ilmenti min xi bdiewa għaliex waqt li kien qed isir ix-xogħol, saret xi ħsara fuq iż-żara tagħhom u issa qed jitolbu kumpens tal-ħsara. Is-Sindku ppropona li nġibu stima mingħand id-Dipartiment tal-Agrikultura sabiex naraw l-ammont attwali tal-ħsara u nitilqu minn hemm. Il-Kunsill qabel dwar dan.

25.2.2 Is-Sindku qal li l-garanzija li konna żammejna lir-Road Construction aħjar inżommuha biex nirranġaw il-ħsara li kienu wettqu huma stess fil-Pjazza. Is-Sindku kompla jgħid li garanzija ta €100 mhiex biżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ħsara simili li wettqu tar-Road Construction. Sar qbil li mill-llum 'il quddiem, il-garanzija għall-permessi fil-Pjazza tkun ta' €200.

25.2.3 Is-Sindku informa li rigward risposta x'nistgħu nagħmlu bl-UIF Funds għad ma kellnix risposta għalkemm bagħtna diversi emejls u ċempilna kemm-il darba.

25.2.4 Is-Sindku qal li ltaqa' mal-Inġinier Falzon u qallu l-*cameras* kif qegħdin preżentament m'humiex juru tajjeb. Qallu li aħjar ikellem lil tas-Solar Engineering sabiex it-technician jagħmilhom iktar focused.

25.2.5 Is-Sindku semma kwistjoni marbuta mal-fanali fi Sqaq ta' San Lawrenz fi Triq it-Torri. Huwa semma li resident ilmenta li l-fanal fejn hu qed jagħti wisq dawl, b'konsegwenza li dawn ma għandhomx privatezza u anke qed jitfa' ħafna dawl fil-kamra tas-sodda tagħhom. Dan l-istess resident issuġġerixxa li jitneħħa però kellna resitenza mill-bqija tar-residenti. Is-Sindku ssuġerixxa li l-aħjar ikollu jiltaqa' mat-tnejn sabiex jwassal kompromess.

25.2.6 Is-Sindku qal li tkun idea tajba li fil-*conference room* tal-Kunsill issir tpinġija minn artist lokali. Hu qal li it-Tpinġija ikun tajjeb li tinkludi t-Tieqa li kienet fid-Dwejra, il-Ġebla tal-Ġeneral u l-Knisja. Maġenb il-pittura, ikun xieraq li jsiru tlett bnadar (UE, Malta, San Lawrenz), u purtiera għall-wara l-iskrivanija tas-Sindku, u purtiera oħra trasparenti fejn il-mejda tal-conference room. Il-Kunsill qabel.

25.2.7 Is-Sindku qal li tkun idea tajba li kieku nixtru ż-żewġ logħbiet (waħda tal-kbar u l-oħra tat-tfal) li ħarġu bihom fuq is-suq tal-Gozode. Il-Gozode hija Young Enterprise mwaqqaf bis-sapport tal-Kunsill Lokali biex jgħin liż-żgħażagħ tal-lokalità joħolqu x-xogħol. Il-Kunsill qabel.

25.2.8 Is-Sindku qal li għall-Library Day ikun xieraq li ningħaqdu mas-Surmast sabiex nagħmlu xi avveniment bħall-reading sessions fil-Librerija. Il-Kunsill qabel.

25.2.9 Is-SE qalet li irċivejna ittra mingħand l-ERA dwar il-Marine Protected Areas. Is-Sindku qal li tajjeb nagħmlu appuntament magħhom sabiex niddisukutu dan is-suġġett f'iktar dettall.

25.2.10 Is-SE qalet li rċivejna ittra mingħand il-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar fejn proponew li jiġu huma mawra Għawdex fl-4 ta' Lulju u l-Kunsill tagħna jieħu ħsieb li jilqagħhom, imbagħad xi darba 'l quddiem immorru aħna mawra Malta. Il-Kunsill qabel li għandu jilqa' lil din il-lokalità.

25.2.11 Is-SE qalet li l-artist George James, li se jirrestawra l-Mural tal-iskola, bagħat l-istima fejn din se tiġi tiswa €450 minbarra l-ispejjeż tal-acrylics. Minbarra hekk, s-Sur James qal li importanti ukoll li xi ħadd ta' sengħa iġib l-ħajt fil-lixx. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li nħallsu l-ispejjeż ta €450 u l-bqija ngħidu lis-Surmast sabiex iġib ħaddiem mill-Education Department.

25.2.12 Is-Sindku propona li fil-planters li se jsiru fil-Pjazza tkun idea tajba li kieku nħawwlu r-rosemary għaliex inkunu nistgħu niżbruha kif irridu. Il-Kunsill qabel.

25.2.13 Is-SE qalet li skond iċ-ċirkulari 04/2017, l-abbozz finanzjarju Ottubru – Diċembru 2016 ma kienx hemm aġġustamenti, pero xorta jrid jerġa jiġi approvat mill-Kunsill. Il-Kunsill approva.

## 25.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

25.3.1 Il-Kunsillier Buhagiar qal li sema lmenti li l-*slipway* tad-Dwejra ma għandiex puġġaman. Is-Sindku għarfu li huma jidhirlu li kull sena dan jinqala u ftit qabel is-sajf jerġa jitwaħħal mill-Ministeru.

25.3.2 Il-Kunsillier Grima issuġġeriet sabiex issir patching fi Triq Wied il-Merill.

## 25.4 Tender tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku

25.4.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li t-Tender tal-ġbir tal-Iskart Domestiku wasal biex jiskadi. Hu kompla jgħid li l-aħjar li l-kriterji jibqgħu kif kienu bħas-snin ta' qabel u li se nqabbdu lil xi ħadd sabiex jgħin fid-drafting u l-uploading tat-tender. Il-Kunsill qabel.

## 25.5 Tifkira tal-Memorja tat-Tieqa tad-Dwejra

25.5.1 Is-Sindku qal li filwaqt li kien xokk meta smajna li t-Tieqa tad-Dwejra waqgħet, hu dejjem sostna li d-Dwejra m'hiex it-Tieqa biss, għalhekk għandna nkomplu nħarsu 'l quddiem biex napprezzaw aktar is-sbuħija tal-lokalità tagħna. Pero is-Sindku kompli li jkun tajjeb ukoll li kieku nfakkru l-memorja tagħha. Is-Sindku propona li noħolqu App jew Website fejn kull min għandu xi selfie mat-Tieqa tad-Dwejra u/ jew ritratt ieħor itellgħu hemmhekk, b'hekk inkunu qegħdin noħolqu mużew virtwali.

25.5.2 Is-Sindku qal li idea oħra tkun li nitkellmu mal-Kempinski Hotel sabiex nipproponu nagħmu wirja tal-Arti fejn is-suġġett ikun it-Tieqa tad-Dwejra.

25.5.3 Is-Sindku qal li tajjeb li noħorġu ktejjeb fejn ifakkar it-Tieqa tad-Dwejra bħala memorja kollettiva.

25.5.4 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sinjura Mary Portelli fejn proponiet li x'imkien nagħmlu mosaic tat-Tieqa tad-Dwejra. Dan ikun magħmul bir-ritratti tan-nies li jkunu provdulna huma stess fejn juru lilhom innifishom mat-Tieqa tad-Dwejra. Ġie propost li dan jista' jsir mal-ħajt tal-kappella tad-Dwejra, però qabel ikun irid isaqsi lil Kappillan għall-parir tiegħu. Is-Sindku qal li nistgħu noħorġu avviż għall-dawk kollha li jixtiequ jkunu part minn dan il-proġett.

Il-Kunsillier Buhagiar saqsa jekk tkunx idea tajba li qabel ma nikkomettu ruħna għall-proġetti, insaqsu lir-rappreżentanti tal-Gvern jekk hemmx xi pjanijiet għad-Dwejra fiż-żmien qarib. Il-Kunsill qabel li nibgħatu ittra insaqsu.

25.5.5 Is-Sindku qal li s-Sinjura Portelli kellha idea oħra li nagħmlu *planter* bi ħxejjex endemiċi tal-madwar. Is-Sindku qal li kieku tkun idea tajba li nagħmluhom fil-Playingfield, pero iktar tard 'il quddiem minħabba l-ispiża li fihom. Il-Kunsill qabel.

## 25.6 Swejjaq Ġunju 2017

25.6.1 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li nibdew naħsbu għall-Swejjaq li jmiss. Hu ppropona li nerġgħu nikru l-imwejjed u siġġijiet għall-istalls u nibdew insaqsu għall-dawk interessati li jerġgħu jieħdu sehem. Il-Kunsill qabel mas-Sindku u li ssir nhar il-Ħadd, 11 ta' Ġunju 2017.

## 25.7 Xogħlijiet fuq il-Manutenzjoni tal-Playingfield

25.7.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-Playingfield kważi lest, filfatt wasal l-equipment u fil-Ġimgħa tal-Għid għandu jiġi mgħoddi d-dawl. Hu semma l-fatt li fit-tender, iż-żebgħa tal-fanali ta' Nicholas Monserrat huma inkluża, pero il-holders tagħhom m'humiex. Is-Sindku propona li dawn jinbidlu u sar qbil li nġibu kwotazzjoni tagħhom.

25.7.2 Is-Sindku qal li kieku tajjeb li nibdew nużaw l-ilma li jinsab fil-ġibjun taħt il-Playingield pero id-dripping kien inqata' meta saru l-underground bringinsites u l-pompa mhiex taħdem. Hu kompla jgħid li dan jesa' ħafna u bħala Kunsill ma aħniex se nużawh kollu.

Wara diskussjoni sar qbil sabiex ngħidu lil bdiewa tar-raħal li jekk iridu jagħmlu użu minnu għandhom jikkuntatjaw lil Kunsill.

## 25.8 Financial Statements Oct – Dec 2016

25.8.1 Is-SE ppreżentat l-istqarrijiet Finanzjarji mill-ġdid peress li ma kienx hemm aġġustamenti. Il-Kunsill approva.

## 25.9 Pjan ta' Tlett Snin

25.9.1 Is-SE saqsiet jekk il-Kunsillieri għandhomx suġġerimenti sabiex tkun tista tipprepara d-dokument. Is-SE ħadet nota tas-suġġerimenti.

## 25.10 Ħarġa għall-Malta

25.10.1 Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' għall-ħarġa Malta. Sar qbil li l-ħarġa li jmiss issir għall-Novembru li ġej.

## 25.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

25.11.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 25.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

25.12.1 Il-laqgħa intemmet fl-16:15 u ġiet aġġornata għall-18 ta' Mejju 2017 fl-14:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv